31998L0022

L 126/26 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 28.4.1998

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 98/22/KE

tal-15 ta' April, 1998

li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet minimi biex isiru verifiki fuq is-saħħa tal-pjanti fil-Komunità, f'postijiet ta' spezzjoni għajr dawk li jkun hemm fil-post tad-destinazzjoni, ta' pjanti, ta' prodotti tal-pjanti jew ta' oġġetti oħra li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 77/93/KEE tal-21 ta' Diċembru, 1976 dwar miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni fil-Komunità ta' organiżmi li jagħmlu ħsara lil pjanti jew lil prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid ta' dawn fil-Komunità [1], kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 98/2/KE [2], u partikolarment is-subparagrafu ta' qabel ta' l-aħħar ta' l-Artikolu 12(6) ta' din,

Billi, jekk l-arranġamenti għall-verifiki tas-saħħa tal-pjanti, prodotti tal-pjanti jew ta' oġġetti oħra mniżżla fil-parti B ta' l-Anness V għad-Direttiva 77/93/KEE li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi għandhom jitħaddmu b'mod effiċjenti, għandhom ikunu stabbiliti kundizzjonijiet minimi armonizzati għat-twettiq ta' dawn il-verifiki f'postijiet ta' spezzjoni għajr dawk li jkun hemm fil-post tad-destinazzjoni;

Billi l-kundizzjonijiet minimi stabbiliti għat-twettiq ta' verifiki bħal dawn tas-saħħa tal-pjanti għandhom jagħtu każ tal-kriterji tekniċi applikabbli għall-entitajiet uffiċjali, kif jirreferi għalihom l-Artikolu 2(1)(g) tad-Direttiva 77/93/KEE, responsabbli għall-postijiet ta' spezzjoni msemmija kif ukoll għad-disposizzjonijiet applikabbli għal faċilitajiet, għodod u tagħmir li jwasslu biex l-entitajiet uffiċjali responsabbli jkunu jistgħu jwettqu l-verifiki tas-saħħa tal-pjanti;

Billi l-miżuri li għalihom hemm disposizzjoni f'din id-Direttiva huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-verifiki fuq is-saħħa li għalihom jirreferi l-Artikolu 12(6), ir-raba' subparagrafu tad-Direttiva 77/93/KEE, ta' pjanti, prodotti tal-pjanti jew ta' oġġetti oħra elenkati fl-Anness V, parti B ta' l-imsemmija Direttiva u li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi, u mwettqa f'postijiet ta' spezzjoni għajr dawk li jkun hemm fil-post tad-destinazzjoni, jissodisfaw minn ta' l-anqas il-kundizzjonijiet minimi stabbiliti fl-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, regoli u disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sal-1 ta' Ottubru, 1998. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, huma għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew inkella għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fiż-żmien tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal referenza bħal din għandha tkun adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom immedjatament jgħaddu lill-Kummissjoni d-disposizzjonijiet kollha tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar dan.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija ndirizzata għall-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussel, 15 ta' April, 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 20.
[2] ĠU L 15, tal-21.1.1998, p. 34.

ANNESS

Kundizzjonijiet minimi għal twettiq ta' verifiki fuq is-saħħa tal-pjanti fil-Komunità, f'postijiet ta' spezzjoni għajr dawk tal-post tad-destinazzjoni, ta' pjanti, ta' prodotti tal-pjanti u ta' oġġetti l-oħra li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi

1. Il-korpi uffiċjali responsabbli, kif għalihom jirreferi l-Artikolu 2(1)(ġ) tad-Direttiva 77/93/KEE, li huma responsabbli tal-postijiet ta' spezzjoni li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva, għandhom:

   — ikollhom awtorita li jwettqu dmirijiethom,

   — ikollhom kompetenza teknika, speċjalment fl-identifikazzjoni u d-dijanjosi ta' organiżmi li jagħmlu ħsara,

   — jkollhom ħiliet speċjali fl-identifikazzjoni ta' organiżmi li jagħmlu ħsara, jew aċċess għal ħiliet bħal dawn,

   — jkollhom aċċess għal faċilitajiet, għodod u tagħmir ta' amministrazzjoni, spezzjoni u ttestjar xierqa, kif speċifikat fil-paragrafu 3,

   — jkollhom aċċess għal faċilitajiet ta' ħażna u kwarantina ta' konsenji adattati u, meta jkun meħtieġ, għal qerda (jew trattament ieħor adattat), tal-konsenja kollha jew parti minnha li tkun ġiet interċettata,

   — jkollhom disponibbli:

      (a) linji ta' gwida nazzjonali bil-miktub u aġġornati għal spezzjoni bażati fuq il-leġislazzjonidomestika ta' l-Istat Membru, kif stabbilit fil-qafas tal-leġislazzjoni tal-Komunità,

      (b) sett ta' linji ta' gwida tal-Komunita aġġornati għall-esperti u għal spetturi nazzjonali, li għalihom jirreferi l-Artikolu 19a (6) tad-Direttiva 77/93/KEE,

      (ċ) leġislazzjoni tal-Komunità aġġornata dwar is-saħħa tal-pjanti,

      (d) lista aġġornata li tinkludi indirizzi u numri telefoniċi ta' laboratorji speċjalizzati li jkunu ġew approvati uffiċjalment għat-twettiq ta' testijiet biex tkun stabbilita l-preżenza ta' organiżmi li jagħmlu ħsara jew l-identifikazzjoni ta' organiżmi li jagħmlu ħsara. Għandha tiddaħħal proċedura adattata biex ikunu żgurati l-integrità u s-sigurtà tal-kampjun(i) meta dan (dawn) jittieħed fil-laboratorju u waqt il-proċess tat-test,

      (e) informazzjoni aġġornata dwar konsenji ta' pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi li jkunu għaddew minn:

         — interċezzjoni uffiċjali

         — testijiet uffiċjali f'laboratorji speċjalizzati flimkien mar-riżultati tagħhom,

      sakemm minn ta' l-anqas din l-informazzjoni tkun relevanti għall-verifiki fuq is-saħħa tal-pjanti għall-post fejn dawn isiru,

   — jadattaw il-programm stabbilit tal-verifiki fuq is-saħħa tal-pjanti kemm jista' jkun malajr b'tali mod li jkunu jistgħu jilħqu l-bżonnijiet attwali, fid-dawl ta' riskji ġodda fuq is-saħħa tal-pjanti jew kull tibdil li jista' jkun hemm fil-kwantità/volum tal-pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra offruti għall-introduzzjoni tal-postijiet ta' spezzjoni li għalihom jirreferi l-Artikolu 1.

2. L-impjegati pubbliċi u l-aġenti kwalifikati kif għalihom jirreferi l-Artikolu 2(1)(i), it-tieni subparagrafu tad-Direttiva 77/93/KEE, li jkunu effettivament responsabbli għat-twettiq ta' l-ispezzjonijiet fil-postijiet ta' spezzjoni li għalihom jirreferi l-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva, għandu jkollhom:

   — kompetenza teknika, speċjalment fit-tiftix għal organiżmi li jagħmlu ħsara,

   — ħiliet speċjali fl-identifikazzjoni ta' organiżmi ta' ħsara, jew aċċess għal dawn il-ħiliet speċjali,

   bħala parti mill-kwalifiki tagħhom meħtieġa taħt l-imsemmi l-Artikolu 2(1)(i) it-tieni subparagrafu, u għandu jkollhom disponibbli direttament l-informazzjoni li għaliha jirreferi l-paragrafu 1, is-sitt inċiż.

3. Il-faċilitajiet, l-għodod u t-tagħmir kif għalihom jirreferi l-paragrafu 1 għandu jkollhom minn ta' l-anqas:

   (a) dwar faċilitajiet amministrattivi:

      — sistema ta' komunikazzjoni rapida ma':

         — l-awtorità li għaliha jirreferi l-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 77/93/KEE,

         — il-laboratorji speċjalizzati li għalihom jirreferi l-paragrafu 1,

         — l-awtoritajiet tad-dwana,

         — il-Kummissjoni,

         — l-Istati Membri l-oħra,

      — sistema ta' duplikazzjoni tad-dokumenti;

(b) dwar il-faċilitajiet ta' spezzjoni:
- żoni adattati għall-ispezzjonar, kif ikun xieraq,
- dawl adegwat,
- mejda jew imwejjed għall-ispezzjonar,
- tagħmir adattat għal:
  - verifiki viżwali,
  - diżinfettar tal-bini u t-tagħmir użat għall-verifiki fuq is-saħħa tal-pjanti,
  - il-preparazzjoni ta' kampjuni għal testijiet oħra possibbli fil-laboratorji speċjalizzati li għalihom jirreferi l-paragrafu 1;

(ċ) dwar il-faċilitajiet għat-teħid ta' kampjuni mill-konsenji:
- materjal adattat għall-identifikazzjoni individwali u l-ippakkjar ta' kull kampjun,
- materjal ta' ippakkjar adegwat biex il-kampjuni jkunu jistgħu jintbagħtu fihom għal-laboratorji speċjalizzati li għalihom jirreferi l-paragrafu 1,
- siġilli,
- timbri uffiċjali,
- dawl adegwat.